Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

Data tal-laqgħa: 23 ta' Settembru 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.20pm. Is-Sindku skuża ruħu peress li wasal tard.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 15. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

16.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier MLB il-minuti ġew approvati.

## 16.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

16.3.1.1 <u>Para 15.3.1 - Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq San Franġisk (faċċata tal-garaxxijiet ta' *Homeland Court*)</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill bir-risposta ta' TM, fejn infurmaw li minn spezzjonijiet li saru fuq il-post, ġie nnutat li l-vetturi normali setgħu joħorġu mill-garaxx mingħajr il-ħtieġa li jreġġgħu lura. Filwaqt li vetturi akbar, għalkemm jista' jkollhom bżonn li jreġġgħu lura distanza qasira, xorta waħda jistgħu joħorġu mill-garaxx mingħajr diffikultà. Ġie osservat ukoll li l-aċċess għall-garaxx huwa pożizzjonat f'angolu li jħares lejn il-*flow* tat-traffiku. B'hekk jiffaċilita l-manuvrar u jtejjeb il-faċilità tal-ħruġ tal-vetturi mill-garaxx. F'dan ir-rigward, id-deċiżjoni ta' TM tibqa' dik li jsir *MC Bay* u *dyls* faċċata.

16.3.1.2 Il-Kunsill ma jaqbilx mad-deċiżjoni ta' TM però f'dan l-istadju, m'għandux għażla ħlief li jimplimenta din id-deċiżjoni. Il-Kunsill qabel li nibagħtu din il-korrispondenza lill-amministratur tal-kumpless biex is-sidien ikunu nfurmati li din hi deċiżjoni ta' TM u mhux tal-Kunsill.

16.3.2 <u>Para 15.3.3 - Talba biex il-*bollards* ta' quddiem il-Knisja jiġu irtirati ftit il'ġewwa</u>
Is-SE infurmat li l-*bollards* ġew imressqa.

16.3.3 <u>Para 15.3.4 – Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza</u>
Is-SE infurmat li l-*electrician* se jinstalla temporanjament riflettur fil-konka biex naraw kif jiġi. Jekk jiġi tajjeb, isir dawl mas-siġar l-oħra wkoll.

16.3.4 <u>Para 15.3.6 - Bankina fi Triq il-Kbira</u>
Is-SE infurmat li l-bankina ġiet irranġata. Peress li l-bankina baxxa, se jsir xi żebgħa jew rifletturi biex tkun tidher aħjar.

16.3.5 <u>Para 15.3.7 - *Telephone Box* fil-Pjazza</u>
Se jiġi kkoordinat ix-xogħol mar-residenta u l-ħaddiema biex titqaxxar u tinżebagħ bl-istess kulur oriġinali.

16.3.6 <u>Para 15.12.2 - Kwotazzjonijiet - Bandli</u>
Il-bandli ġew ordnati u jaslu fi żmien tmien (8) ġimgħat.

16.3.7 <u>Para 15.12.7 - *Merħba Locality Sign* fi Triq Birbal</u>
Is-Sindku infurma li ktibna lill-avukat biex nieħdu parir legali biex naraw x'passi nistgħu nieħdu. Is-Sindku qal lir-Reġjun Tramuntana qiegħed f'diskussjonijiet ma' bank partikolari, biex potenzjalment dawn it-tabelli jinbidlu.

## 16.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.4.1 <u>Ħsara ma' faċċata fi Triq it-Tliet Knejjes</u>
Is-Sindku infurma li resident minn Triq it-Tliet Knejjes kellem lill-Kunsillier ONDG dwar ħsara li saritlu mal-faċċata meta kien qed isir ix-xogħol mill-WSC. Se nerġgħu nibagħtu lis-Sur Damian Whitehead (WSC) dwar din il-kwistjoni li baqgħat qatt ma ġiet indirizzata.

16.4.2.1 Konferenza Stampa mir-Reġjun Tramuntana

Is-Sindku infurma li minn dakinhar li saret il-Konferenza Stampa dwar l-*issues* relatati mal-ġbir ta' skart u *iBINS,* bħala Reġjun ma rċieva l-ebda tip ta' risposta. Fejn jidħol il-ġbir ta' skart, is-Sindku infurma li talbiet simili minn Reġjun partikolari ġew approvati, filwaqt li talbiet minn Reġjun ieħor ma ġewx approvati. Is-Sindku qal li fil-laqgħa tar-Reġjun li saret il-bieraħ, ġiet approvata mozzjoni biex issir talba lid-DG biex jattendi għal-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

16.4.2.2 Dwar l-*iBINS,* is-Sindku tkellem mas-Sindku tan-Naxxar (li qiegħdin fl-istess sitwazzjoni tagħna u bħalna ma ffirmawx il-ftehim), fejn bejniethom qablu li ssir talba biex issir laqgħa flimkien mar-Reġjun biex flimkien jieħdu pożizzjoni komuni fuq din is-sitwazzjoni.

16.4.3 Servizz tal-Knis

Is-Sindku infurma li l-iskeda tal-knis ġiet reveduta u s'issa l-kuntrattur sejjer tajjeb u qed iżomm mal-iskeda l-ġdida. Il-Kunsill se jibqa' josserva u jaċċerta li qed tinżamm l-iskeda.

16.4.4.1 PA/05866/22

Is-Sindku irrefera għall-applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq il-Providenza. Illum, il-Kunsill irċieva *email* minn resident, li tinkludi *template objection letter* dettaljata b'numru ta' argumenti mressqa. Il-Perit tal-Kunsill evalwa din l-applikazzjoni u fl-opinjoni tiegħu l-applikazzjoni mhijiex oġġezzjonabbli.

16.4.4.2 Kien hemm qbil li nibagħtu t-*template* li bagħtilna r-resident lill-Perit u nieħdu l-opinjoni tiegħu fuq din l-ittra. Apparti minn hekk, se nirreġistraw bħala *interested party* mal-PA biex inkomplu nsegwu l-proċeduri tal-applikazzjoni.

16.4.5 *Community Police*

Is-Sindku esprima d-diżappunt tiegħu għall-fatt li, ħadd ma ġie għal-laqgħa li kienet skedata mal-*Community Police* il-ġimgħa l-oħra. Dan mingħajr ħadd ma nfurma / ikkanċella l-laqgħa u sal-lum għadu ma rċieva l-ebda risposta. Dan juri diżinteress kbir min-naħa tagħhom.

16.4.6 Ħajt perikoluż fi Triq Birbal

Is-Sindku infurma li l-Kunsill irrapporta diversi drabi lill-Pulizija ħajt perikoluż li hemm fi Triq Birbal. Is-Sindku qal li llum reġa' irrapporta u nkluda lill-Kummissarju fil-korrispondenza, peress li qatt ma rċivejna risposta. Se niċċekkjaw ma' Kunsilli oħra jekk kellhomx sitwazzjoni simili u x'sar min-naħa tal-Kunsill.

16.4.7.1 Triq Idmejda

Is-Sindku infurma li l-Uffiċċju tal-iskejjel tal-Knisja qed jitolbu li ssir mera faċċata tal-*gate* peress li hemm *blind corner*. Minħabba sigurtà tat-triq, il-Kunsill approva u ser napplikaw ma' TM.

16.4.7.2 L-istess Uffiċċju qed jitolbu li ssir *road hump* peress li vetturi qed jgħaddu b'veloċità. Ninfurmawhom bil-*policy* tal-Kunsill, li biex immexxu bil-proposta għandhom jipprovdu l-kunsens tar-residenti.

16.4.7.2 Il-Kunsill issuġġerixxa li nagħmlu tabella '*Reduce Speed*' u nintroduċu limitu ta' veloċità ta' 30km/siegħa.

## 16.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

16.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

16.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 16.7 Skemi Finanzjarji

16.7.1 SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa

Il-*Clean-up* ġiet posposta għall-Ħadd 28 ta' Settembru 2025. Il-Kunsillier AG infurmat li min-naħa tal-Kunsill kull ma rridu nixtru huma *garbage bags* kbar, għax il-kumplament se jiġi provdut mir-Reġjun Tramuntana. Għalhekk ġie deċiż li mhux se nitlobu rimborż lid-DGL ta' din l-ispiża minima.

## 16.8 Jum Ħal Balzan 2025

16.8.1.1 <u>Il-Ħadd 2 ta' Novembru 2025</u>

Is-Sindku infurma li l-ġimgħa d-dieħla, flimkien mas-SE se jiltaqgħu mal-produzzjoni tal-programm 'Bonġu Malta' li se jkun qed jixxandar *live* fuq TVM mill-pjazza. Is-Sindku talab lill-Kunsillier MLB biex jekk taċċetta, tilħaq issib xi ideat li nistgħu nagħmlu għal dakinhar. Il-Kunsillier MLB aċċettat.

16.8.1.2 Se ninfurmaw lill-Kappillan dwar il-Quddiesa ta' Ringrazzjament, li bħas-sena l-oħra se tkun animata mill-banda.

16.8.2 <u>Is-Sibt 25 ta' Ottubru 2025</u>

Il-Kunsill ġie aġġornat fuq il-preparamenti tal-attività tas-Sibt.

## 16.9 Attivitajiet u Tiżjien għal żmien il-Milied

16.9.1 <u>Attività għal żmien il-Milied</u>

Is-Sindku ssuġġerixxa li tinbidel id-data tal-attività għax se jkun hemm attivitajiet organizzati mill-MUSEUM għat-tfal. Dan biex l-attivitajiet ma jaħbtux ma' xulxin. Apparti minn hekk, is-Sala Aurora hija diġà ibbukkjata. Il-Kunsill approva li l-attività tal-Kunsill tiġi posposta għall-Ħadd 21 ta' Diċembru 2025 mill-4.00pm 'il quddiem. Jekk għal dakinhar is-Sala Aurora xorta mhijiex disponibbli, niċċekkjaw l-iskola ta' San Alwiġi.

16.9.2 <u>Tiżjin għal żmien il-Milied</u>

Is-SE ressqet l-unika kwotazzjoni li rċeviet biex jintrama dawl dekorattiv f'diversi toroq f'Ħal Balzan. Il-Kunsillier MLB ma pparteċipatx fid-diskussjoni u fid-deċiżjoni, peress li l-kuntrattur li bagħat kwotazzjoni hu ħuha. Is-SE infurmat li b'kollox kitbet lill-erba' (4) kumpaniji imma wieħed (1) biss wieġeb. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' Noel Borg li tammonta għal €5,840 (VAT inkluż).

16.9.3 <u>Wirja ta' Presepji</u>

Is-Sindku u l-Kunsillier MLB aġġornaw lill-Kunsill fuq il-ftuħ tal-Wirja ta' Presepji li se ssir fil-Kappella ta' Triq it-Tliet Knejjes mill-għaqda Marija Annunzjata għal Ħal Balzan flimkien mal-Kunsill.

## 16.10 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

16.10.1 <u>Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni oħra għall-pedestall, din id-darba tat-travertin. Il-kwotazzjoni ma tinkludix ix-xogħol relatat mal-pedament. Se nġibu kwotazzjoni tax-xogħol neċessarju biex isir il-pedament, sabiex inkunu f'pożizzjoni li nqabblu l-kwotazzjonijiet.

## 16.11 *Culverts* fi Triq Birbal

16.11.1 Is-Sindku infurma li l-*culverts* tan-NFRP fi Triq Birbal iridu jiġu rranġati għax ġralhom il-ħsara. L-entità responsabbli li jirranġawhom, kien ġej isewwihom. Però, għal kuntrarju tas-snin preċedenti, din id-darba TM talbithom japplikaw għal permess ta' *trenching*. S'issa l-permess għadu ma ħariġx minn TM u għalhekk il-ħsara għadha ma ssewwitx, apparti l-istorbju li hemm minħabba l-pjanċa li poġġew peress li sfrondati.

16.11.2 Bħala Kunsill, se nibqgħu nagħmlu pressjoni biex jiġu rranġati mill-iktar fis possibbli.

## 16.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

16.12.1 <u>Kwotazzjonijiet għall-Provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għall-provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill għall-perjodu ta' sena. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta' Moira Magro TII Ltd.

16.12.2.1 <u>Kwotazzjonijiet – Siġar fi Triq il-Kbira</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-uniku kwotazzjoni li tammonta għal €7,800, li rċeviet biex isir trattament fuq is-siġar ta' Triq il-Kbira peress li morda. Il-kuntrattur infurma lis-siġar mhux qed imutu u għalhekk it-trattament m'hemmx għalfejn isir urġenti,però aktar ma jdumu ma jiġu kkurati, aktar se tiżdied il-problema.

16.12.2.2 Is-SE infurmat l-offerti għas-sejħa għall-offerti (*Parks & Gardens*) qed jiġu evalwati u dalwaqt ser ikollna kuntratt ġdid. Għalhekk, peress li m'hemmx daqshekk urġenza, kien hemm qbil li nistennew li jingħata l-kuntratt.

16.12.3 Proposti - Mappa ta' Ħal Balzan

Is-SE infurmat li rċevejna aktar dettalji fuq il-proposti tal-mappa ta' Ħal Balzan però il-kumpanija ssuġġerew li ssir laqgħa biex jiġu spjegati aħjar il-proposti. Kien hemm qbil li niltaqgħu miegħu dakinhar tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss qabel ma' tibda l-laqgħa.

16.12.4.1 Talba għal *sleeping policeman* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

It-talba biex tiġi nstallata *sleeping policeman* temporanja, sakemm jitneħħa l-*boundary wall* k/m Triq il-Kannizzata ġiet approvata minn TM, bil-kundizzjoni lir-residenti jiġu nfurmati b'din l-installazzjoni. TM qed jirrimarkaw li l-miżuri eżistenti ta' ġestjoni tat-traffiku għandhom jiġu riveduti sabiex il-problema ta' veloċità tiġi indirizzata b'mod permanenti.

16.12.4.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibagħtu ittra lir-residenti taż-żona biex jinfurmawna jekk jaqblux li ssir l-i*sleeping policeman,* u jekk jaqblu, issirx temporanjament sakemm jitneħħa l-*boundary wall* jew permanenti.

16.12.5.1 Bankina fi *Buontempo Estates*

Is-Sindku infurma li taħt in-niċċa tal-Madonna kien hemm qisha biċċa bankina li resident partikolari ftit taż-żmien ilu kien talab li jneħħi biċċa minnha biex ikun jista' juża d-*driveway* tiegħu. Bħala Kunsill kien approva bil-kundizzjoni lir-resident iġib il-permessi kollha meħtieġa qabel ma jagħmel ix-xogħol. Ftit tal-ġranet ilu, il-Kunsill skopra lir-resident qabad u neħħiha mingħajr ma ġejna nfurmati qabel. Xi nies li jieħdu ħsieb in-niċċa oġġezzjonaw u għamlu rapport lill-Pulizija. Is-Sindku spjega li bħala Kunsill ukoll saru rapport mal-Pulizija, għax teknikament ir-resident mess proprjetà pubblika mingħajr permess.

16.12.5.2 Issa dan ir-resident bagħtilna ittra ta' apoloġija, li inqrat mis-Sindku, fejn skuża ruħu għax ix-xogħol sar bi żvista u mhux b'intenzjoni ħażina. Ir-resident qal li fil-jiem li ġejjin, se jkun qed jiksi u jkaħħal din il-parti sabiex tiġi taqbel mal-madwar.

16.12.5.3 Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-apoloġija, però qed jesiġi li r-resident jiksi u jkaħħal mill-aktar fis possibbli.

16.12.6.1 Ħmieġ tal-ħamiem

Għal darb'oħra qed jilmentaw dwar il-ħmieġ tal-ħamiem quddiem l-uffiċċju tagħhom fl-isqaq fi Triq il-Providenza. Qed jitolbu biex isir tindif bil-bowser u diżinfettant b'mod regolari sakemm tiġi solvuta l-problema tal-ħamiem. Irċevejna wkoll fuq il-passaġġ ta' wara l-Knisja.

16.12.6.2 Il-Kunsill iddiskuta u filwaqt li jifhem il-problema, irrimarka li hemm bżonn li tinstab soluzzjoni fuq livell nazzjonali u mhux il-Kunsill jew ir-Reġjun waħdu, għax mhu se jissolva xejn. Se niċċekkjaw mar-Reġjun fuq xi żviluppi għandhom fuq il-proġett li kienu qed jaħdmu fuqu.

16.12.7 Talba biex jitneħħa *parking* u jsir dyl minflok – faċċata 139, Triq San Franġisk

Resident qed jinsisti li jitneħħa *parking* mill-faċċata tal-entratura tad-*driveway* għax qed isibu diffikultà biex jidħlu / joħorġu. Il-Kunsill baqa' bl-istess deċiżjoni u għalhekk din it-talba reġgħet ma ġietx approvata.

16.12.8 Sprall fi Triq il-Kbira

Il-Viċi Sindku staqsa dwar l-isprall ta' quddiem l-ex-Dolphin Centre għax għadu ma tranġax. Is-SE infurmat li WSC infurmawna li dak ma jaqax taħt ir-responsabiltà tagħhom. Is-SE qalet li dan l-isprall għandu bżonn jinbena mill-ġdid, però sadanittant il-ħaddiema tal-Kunsill se jippruvaw jirranġawh temporanjament sakemm tinqala' it-triq.

16.12.9 *Bollards* quddiem iz-zuntier

Il-Viċi Sindku infurma lis-Superjura tal-MUSEUM tal-bniet qed titlob biex kull nhar ta' Tlieta jinfetħu l-*bollards* li saru quddiem iz-zuntier biex dik iż-żona tintuża bħala *drop off* mill-ġenituri li jwasslu lit-tfal il-MUSEUM. Din it-talba ma ġietx approvata. Il-*bollards* jinfetħu biss f'każijiet eċċezzjonali bħal funerali u tiġijiet.

## 16.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

16.13.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 09/25, li tinkludi l-ammont ta' €115.09c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Awwissu 2025.

16.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier MLB li kienet issekondata mill-

Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 16.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

16.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm.

16.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 21 ta' Ottubru 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 21 ta' Ottubru 2025.

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv